# MIDNEB

*Ta'* PATRI A. M. PREVI, O.P.

Kull meta fl-għaxijiet xitwija nisma'
Ir-ragħ'd ikarwat fis-smewwiet, u nħmaħ
Is-sriep tan-nar minn xfar in-nar ifiġġu,
U b'ħeffa bħal tal-ħsieb joforqu l-wisgħa
Bla qies tas-sema, hemm fid-dawl tal-leħħa
Bħal f'hemża t'għajn, lis-siġar kbar qawwija
Mir-riefnu mheżża nara ser jitqaċċtu
Bħal figla minn għeruqhom, u lix-xmajjar
Ta' l-ilmijiet għaddejja jkaxkru magħhom
Haxix u weraq, xaħx u żkuk bla ħniena.
F'ħin wieħed jerġa' sfiq id-dlam u nisma'
Lir-riħ qed jingħi qisu waħx ġol-friegħi,
U t-tfaqqigħ tas-silġ ma' ħġieġ it-tieqa

Hemm barra bniedem bħal miġnun jiġġerra
Jixxabbat mal-għoljiet, jiżżerżaq, jaqa'.
Iqum għarqan, għajjien, ma jafx fejn sejjer...
Fil-waħx ta' dan il-lejl il-biża' ħakmu
U fakkru f'qillet Alla u f'ħażen ħajtu,
Għax f'sebħ żgħużitu kien ittabba', marad.
F'elf art kien ġera bit-tbaħrid, fil-frugħa
Sa ma lil saħħtu żarma. Issa, jaħasra,
Li tmiemu kien fil-qrib, iħoss ġo qalbu
Li ħniena m'hemmx għalih minn Dak li sallab
Bil-faħx t'għemilu — qata' għal kollox jiesu.
Bir-ragħwa f'ħalqu, b'qilla ta' l-imxajtna
Lid-dinja seħet, lill-bnedmin, lil ħajtu.
Fl-uġigħ ta' ruħ mifnija bi dnubietha
Intafa' jgiddem l-art b'dirgħajh miftuħa,
Jistenna li tinfetaħ, biex tifkirtu
Tintnesa mill-bnedmin u jmut għal dejjem.

Kull meta fl-għaxijiet xitwija nisma'
Ir-ragħ'd ikarwat fis-smewwiet, lil qalbi
Inħoss tintrafa' f'talba lill-Mulejja :
Aħfirli dnubi, ħniena, ħares lejja.